31994R1733

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1733/94
tal-11 ta' Lulju 1994
li jipprojbixxi li jkunu milqugħa pretensjonijiet dwar kuntratti u operazzjonijiet li t-twettieq tagħhom kien affettwat bir-Riżoluzzjoni 757(1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u r-riżoluzzjonijiet relatati

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u partikolarment l-Artikolu 228a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/366/PESK tat-13 ta' Ġunju 1994 fuq il-pożizzjoni komuni definita mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu J.2 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea li jikkonċerna l-projbizzjoni li jkunu milqugħa t-talbiet imsemmija fil-paragrafu 9 tar-Riżoluzzjoni Nru 757(1992) [1] tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjoni Uniti,

Billi, taħt ir-Regolamenti (KEE) Nru No 1432/92 [2], (KEE) No 2656/92 [3] u (KEE) No 990/93 [4], il-Komunità ħadet passi biex tipprevjeni l-kummerċ bejn il-Komunità u r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro);

Billi, bħala konsegwenza tal-embargo kontra r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro), operaturi ekonomiċi fil-Komunità u pajjiżi terzi huma esposti għar-riskju ta' pretensjonijiet mir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro);

Billi l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti l-Ġnus Magħquda adotta r-Riżoluzzjoni 757(1992) tat-30 ta' Mejju 1992 li, fil-paragrafu 9 tagħha, titratta dwar pretensjonijiet mir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro) b'relazzjoni ma' kuntratti u tranżazzjonijiet li t-twettieq tagħhom kien affettwat minn miżuri imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà skond ir-Riżoluzzjoni 757(1992) u r-riżoluzzjonijiet relatati;

Billi hu neċessarju li l-operaturi jkunu protetti permanentament kontra pretensjonijiet bħal dawn u li r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro) tkun miżmuma milli tikseb kumpens għall-effetti negattivi ta' l-embargo,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

1. "kuntratt jew tranżazzjoni" tfisser kull tranżazzjoni ta' liema forma hi u tkun xi tkun il-liġi applikabbli, sew jekk tikkonsisti f'kuntratt wieħed jew aktar jew obbligi simili magħmula bejn l-istess partijiet jew differenti; għal dan l-iskop "kuntratt" jinkludi rabta, garanzija finanzjarja u kumpens jew kreditu sew jekk legalment indipendenti jew mhux u kull dispożizzjoni relatata li toħroġ minn jew b'rabta mat-tranżazzjoni;

2. "pretensjoni" tfisser kull talba, sew asserita bi proċeduri legali jew le, magħmula qabel jew wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, taħt jew b'rabta ma' kuntratt jew tranżazzjoni, u b'mod partikolari tinkludi:

   (a) pretensjoni għal twettieq ta' kull obbligu li tinqala' minħabba kuntratt jew tranżazzjoni jew li għandha konnessjoni ma' wieħed minnhom;

   (b) pretensjoni għal estensjoni jew ħlas ta' rabta, garanzija finanzjarja jew kumpens ta' kull forma;

   (ċ) pretensjoni għal kumpens dwar kuntratt jew tranżazzjoni;

   (d) kontro talba;

   (e) pretensjoni għall-għarfien jew infurzar, inkluż bil-proċedura ta' *exequatur*, ta' sentenza, deċiżjoni bl-arbitraġġ jew deċiżjoni ekwivalenti, magħmula jew deċiża fejn ikun;

---

[1] ĠU L 165, ta' l-1.7.1994, p. 1.
[2] ĠU L 151, tat-3.6.1992, p. 1, Regolament imħassar bir-REGOLAMENT (KEE) Nru 990/93 (ĠU L 102, tat-28.4.1993, p. 14).
[3] ĠU L 266, tat-12.9.1992, p. 27, Regolament imħassar bir-REGOLAMENT (KEE) Nru 990/93 (ĠU L 102, tat-28.4.1993, p. 14).
[4] ĠU L 102, tat-28.4.1993, p. 14.

3. "miżuri deċiżi b'konformità mar-Riżoluzzjoni 757(1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjoni Uniti u r-riżoluzzjonijiet relatati" tfisser miżuri tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda jew miżuri introdotti mill-Komunitajiet Ewropej jew kull Stat, pajjiż jew organizzjazzjoni internazzjonali skond, kif meħtieġ minn, jew dwar l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet relevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda, jew kull azzjoni inkluż kull azzjoni militari, awtorizzata mill-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda, dwar l-embargo tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro);

4. "persuna jew korp fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro)" tfisser:

(a) l-istat tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro) jew kull awtorità pubblika tiegħu;

(b) kull persuna li qiegħda, jew li hija residenti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro);

(ċ) kull korp li għandu l-uffiċċju tiegħu reġistrat jew il-kwartieri fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro);

(d) kull korp kontrollat direttament jew indirettament minn wieħed jew aktar mill-persuni jew korpi msemmija hawn fuq.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2, it-twettieq ta' kuntratt jew tranżazzjoni għandu jkun ukoll kunsidrat bħala affettwat mill-miżuri deċiżi b'konformità mar-Riżoluzzjoni 757(1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda u r-riżoluzzjonijet relatati fejn l-eżistenza jew il-kontenut tal-pretensjoni jirriżulta direttament jew indirettament minn dawk il-miżuri.

Artikolu 2

1. Għandu jkun projbit li tilqa' jew li tieħu kull pass biex tilqa' pretensjoni magħmula minn:

(a) persuna jew korp fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro) jew li jaġixxu permezz ta' persuna jew korp fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro);

(b) kull persuna jew korp li jaġixxi, direttament jew indirettament, f'isem jew għall-benefeċċju ta' wieħed jew aktar persuni jew korpi fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro);

(ċ) kull persuna jew korp li jieħu vantaġġ minn trasferiment jew drittijiet, jew b'xi mod jikkontesta permezz ta' jew taħt, wieħed jew aktar persuni jew korpi fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro);

(d) kull persuna oħra jew korp riferit fil-paragrafu 9 tar-Riżoluzzjoni 757(1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda;

(e) kull persuna jew korp li jagħmel talba dwar jew b'konnessjoni ma' ħlas ta' rabta jew garanzija finanzjarja jew kumpens għal wieħed jew aktar persuni jew korpi msemmija hawn fuq,

skond jew b'konnessjoni ma' kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħhom kien affettwat, direttament jew indirettament, fl-intier jew parti minnu, mill-miżuri deċiżi b'konformità mar-Riżoluzzjoni 757(1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda u r-riżoluzzjonijiet relatati.

2. Din il-projbizzjoni għandha tapplika fil-Komunità u għal kull ċittadin ta' Stat Membru u kull korp li hu inkorporat jew kostitwit taħt il-liġi ta' Stat Membru.

Artikolu 3

Mingħajr preġudizzju għall-miżuri deċiżi b'konformità mar-Riżoluzzjoni 757 (1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda u r-riżoluzzjonijiet relatati, l-Artikolu 2 m'għandux japplika:

(a) għal pretensjonijiet relatati ma' kuntratti jew tranżazzjonijiet, bl-eċċezzjoni ta' kull rabta, garanzija finanzjarja jew kumpens, li dwaru l-persuni jew korpi li għalihom saret referenza fl-Artikolu msemmi jipprovaw lil xi qorti fi Stat Membru li l-pretensjoni kienet aċċettata mill-partijiet qabel l-adozzjoni tal-miżuri deċiżi b'konformità mar-Riżoluzzjoni 757(1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjoni Uniti u r-riżoluzzjonijiet relatati, u li dawk il-miżuri ma kellhom l-ebda effett fuq l-eżistenza jew il-kontenut tal-pretensjoni;

(b) għal pretensjonijiet għal ħlas skond kuntratt ta' assigurazzjoni dwar ħaġa li tkun ġrat qabel l-adozzjoni tal-miżuri li saret referenza għalihom fl-Artikolu 2 jew skond kuntratt ta' assigurazzjoni fejn din l-assigurazzjoni hija obbligatorja skond il-liġi ta' Stat Membru;

(ċ) għal pretensjonijiet għal ħlas ta' somom imħallsa f'kont li l-ħlas minnu ġie blukkat b'konformità mal-miżuri li saret referenza għalihom fl-Artikolu 2, kemm-il darba dan il-ħlas mhuwiex dwar somom imħallsa skond rabtiet dwar kuntratti li saret referenza għalihom fl-imsemmi Artikolu;

(d) għal pretensjonijiet relatati ma' kuntratti ta' impieg soġġetti għal-liġi ta' kull Stat Membru;

(e) għal talbiet ta' ħlas għal prodotti li l-persuni jew korpi msemmija fl-Artikolu 2, jippruvaw quddiem qorti ta' Stat Membru, li kienu esportaw qabel l-adozzjoni tal-miżuri meħuda skond ir-riżoluzzjoni 757 (1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda u r-riżoluzzjonijiet relatati u li dawk il-miżuri ma kellhom ebda effett fuq l-eżistenza jew il-kontenut tat-talba;

(f) għal talbiet għal flejjes li l-persuni jew korpi msemmija fl-Artikolu 2, jippruvaw quddiem qorti ta' Stat Membru, li huma dovuti taħt self magħmul qabel l-adozzjoni tal-miżuri deċiżi skond ir-riżoluzzjoni 757 (1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjoni Uniti u r-riżoluzzjonijiet relatati u li dawk il-miżuri ma kellhom ebda effett fuq l-eżistenza jew il-kontenut tat-talba.

kemm-il darba t-talba ma tinkludi ebda ammont, f'forma ta' imgħax, ħlas jew mod ieħor, biex tikkumpensa għall-fatt li t-temma ma kienetx, b'riżultat ta' dawk il-miżuri, skond it-termini tal-kuntratt jew it-tranżazzjoni relevanti.

Artikolu 4

F'kull proċedura għall-infurzar ta' pretensjoni, l-obbligu biex ikun pruvat li l-ilqugħ tat-talba mhux projbit bl-Artikolu 2, għandu jkun fuq il-persuna li tkun qed tfittex l-applikazzjoni ta' dik it-talba.

Artikolu 5

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi s-sanzjonijiet li għandhom ikunu imposti meta d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu miksura.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Lulju 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

Th. WAIGEL